MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Numru. 1214/2008

**ILLUM 18 TA’ GUNJU 2009**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**CONRAD MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Conrad Mizzi ta’ 24 sena, bin Grazio u Pauline nee’ Dalli, mwieled Pieta’, nhar il- 25 ta’ Settembru 1984, residenti fil- fond Nru. 3, Triq it- Tlett Ibliet, Bormla, detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 466984(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 8 ta' Ottubru 2008 u fil- granet u x- xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) nhar it- 8 ta' Ottubru 2008 ghall- habta tal-11.00am, filwaqt li kien fir- residenza tieghu, li tinsab fi Triq it- Tlett Ibliet, gewwa Bormla, volontarjament ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Isuzu, mudell Gemini u li ghandha numru tar- registrazzjoni BAE-309 ghad- dannu ta' Gordon Cassar u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal €250;

2) ukoll talli nhar is- 7 ta' Ottubru 2008, filwaqt li kien fi Triq Matty Grima, gewwa Bormla, volontarjament ghamel hsara fuq vettura ta' ghamla Peugeot mudell 206 u li ghandha n- numru tar- registrazzjoni KAG 689 ghad-dannu ta' Jacqueline Brignone u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal €305;

3) aktar talli, nhar is- 7 ta' Ottubru 2009, filwaqt li kien fi Triq Matty Grima, Bormla, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Gordon CAssar skond kif iccertifikat minn Dr. Joseph Cassar Delia MD;

4) ukoll talli nhar it- 8 ta' Ottubru 2008 u fil- granet u x- xhur ta' qabel, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza';

5) talli nhar is- 7 ta' Ottubru 2008 hebb kontra l-persuna ta' Gordon Cassar u Jacqueline Brignone sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill- istess;

6) talli nhar is- 7 ta' Ottubru 2008 u fil- granet u x-xhur ta' qabel, ingurja u hedded lil Gordon Cassar u Jacqueline Brignone;

7) u aktar talli nhar it- 8 ta’ Ottubru 2008 u fil-gurnata qabel, qal fil- pubbliku kliem oxxen u ndicenti;

8) akkuzat ukoll talli, nhar it- 8 ta’ Ottubru 2008 u fil-gurnata qabel, volontarjament kiser il- buon ordni u l-kwiet tal- pubbliku;

9) akkuzat ukoll talli nhar it- 8 ta’ Ottubru 2008, filwaqt li kien fir- residenza tieghu, li tinsab Triq it- Tlett Ibliet, Bormla, minghajr sawwat jew darab, waddab gebel fid- direzzjoni ta’ Jacqueline Brignone;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat il-verbal ta’ llum stess, fejn il-parte civile irriduciet il-pretensjoni civili taghha ghall-ammont ta’ mitejn Ewro (€200);

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 325 (1) (b), 221, 251B, 339 (1) (d), 339 (1) (e), 338 (bb), 338 (dd) u 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx

reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) lil Jacqueline Brignone fi zmien xaharejn millum, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Torbot lill-imputat b' garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena, favur Jacqueline Brignone u Gordon Cassar taht penali ta' hames mitt ewro (€500).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------